# 06:44

Nadia Mifsud

kollox għafsa. kollox fastidju. forsi
għax għadu (wisq) kmieni. forsi
għax dal-lejl xtaqt stajt nimtedd maġenbek
u dalgħodu stenbaħt
b'subgħajja mwebbla għal ponn ramel
u d-diqa mbewsa ma' ħaddejja.
barra t-tieqa, 'qas xiber dawl. ix-xefaq
qed jixxieheb f'jum ieħor lest biex
jaqfilni f'tulu. 'qas il-qamar mislut,
imdendel gustuż bħal fl-istampi,
m'għandu l-ħila jpatti għall-isfura
fjakka mibżuqa mill-fanal imwaħħal
nofs kedda. daqsiex, xedaq il-lift
jirremetti l-kimika-suppost-ewkaliptus
li biha l-purtinar jipprova jgħatti l-intiena
tat-tletin sigarett li jdaħħan kuljum
il-ġar ta' taħti. inħalli fuq l-indana
għeruq il-ħolma li l-iżveljarin qaċċat
daqs siegħ'ilu. bejn sular u ieħor,

il-lift drabi jilheġ, drabi jqaħqaħ. fil-mera, il-
ɾ̣ıǝɯ-ɯɥıx-ɾ̣ıǝɯ li għad irrid/forsi qatt ma se
nidra. għalxejn ngħarrex f'wiċċha
għat-tifla t'elf praspura u waħda.
imbagħad l-intrata, trejjaħ umda l-passi
ta' dawk li ħarġu qabli. niġbed il-bieb
u l-kesħa ta' Jannar fis tidħol issoff
in-ngħas minn fuq il-kpiepel t'għajnejja.
li ma kienx għall-frattarija sabiħa
tal-għasafar, tisfida s-siġar skeletri,
kont naħseb li dil-belt mhix se terġa' tisbaħ.